



## STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 133/24

Il-Lussemburgu, 10 ta' Settembru 2024

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-465/20 P | Il-Kummissjoni vs L-Irlanda et

### Deċiżjonijiet tat-taxxa bil-quddiem: il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla s-sentenza tal-Qorti Ĝeneralni dwar id-deċiżjonijiet tat-taxxa adottati mill-Irlanda favur Apple

*Il-Qorti tal-Ġustizzja taqta' t-tilwima b'mod definitiv u tikkonferma d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-2016: l-Irlanda tat lil Apple għajnuna illegali li dan l-Istat huwa obbligat jirkupra*

Fl-2016, il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet li, mill-1991 sal-2014, kumpanniji li jappartjenu lill-grupp Apple kienu bbenefikaw minn vantaġġi fiskali fil-forma ta' għajjnuna mill-Istat mogħtija mill-Irlanda. Din l-għajjnuna kienet tikkonċerna t-trattament fiskali tal-profitti ġgħenerati mill-attivitajiet ta' Apple barra mill-Istati Uniti. Fl-2020, il-Qorti Ĝeneralni annullat id-deċiżjoni li ttieħdet mill-Kummissjoni, billi qieset li din tal-aħħar ma kinitx uriet b'mod suffiċjenti l-eżiżenza ta' vantaġġi selettiv favur dawn il-kumpanniji. Fl-appell, il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla s-sentenza tal-Qorti Ĝeneralni u taqta' t-tilwima b'mod definitiv, billi minflok tikkonferma d-deċiżjoni tal-Kummissjoni.

Fl-1991 u fl-2007, l-Irlanda ħarġet żewġ deċiżjonijiet tat-taxxa bil-quddiem favur żewġ kumpanniji tal-grupp Apple (Apple Sales International (ASI) u Apple Operations Europe (AOE)), li kienu stabbiliti bħala kumpanniji skont id-dritt Irlandiż iżda li ma kinux residenti fiskali Irlandiżi. Dawn id-deċiżjonijiet tat-taxxa approvaw il-metodi użati minn ASI u AOE sabiex jiddeterminaw il-profitti tagħhom taxxabbli fl-Irlanda, relatati mal-attivitajiet kummerċjali tal-fergħ Irlandiżi rispettivi tagħhom.

Fl-2016, il-Kummissjoni Ewropea qieset li d-deċiżjonijiet tat-taxxa, billi eskludew mill-bażi taxxabbli l-profitti ġgħenerati mill-użu tal-liċenzi ta' proprijetà intellettuali li kellhom ASI u AOE, minħabba li, essenzjalment, is-sedi ta' dawn il-kumpanniji kienet jinsabu barra mill-Irlanda u li l-ġestjoni ta' dawn il-liċenzi kienet tiddeppendi minn deċiżjonijiet meħuda fil-livell tal-grupp Apple fl-Istati Uniti, kienu taw lil dawn il-kumpanniji, mill-1991 sal-2014, għajjnuna mill-Istat illegali u inkompatibbli mas-suq intern, li l-grupp Apple kollu kemm hu bbenefika minnha. Hija ordnat għalhekk lill-Irlanda tirkupra din l-għajjnuna tal-Istat<sup>1</sup>. Skont l-istimi magħmula mill-Kummissjoni, l-Irlanda allegatament tat-lil Apple EUR 13-il biljun f'vantaġġi fiskali illegali<sup>2</sup>.

Fl-2020, adita b'rrikors ippreżentat mill-Irlanda, kif ukoll minn ASI u AOE, il-Qorti Ĝeneralni annullat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni, billi qieset li din tal-aħħar ma kienx irnexxielha turi l-eżiżenza ta' vantaġġi selettiv li rriżulta mill-adozzjoni tad-deċiżjonijiet tat-taxxa inkwistjoni u li wassal għal tnaqqis preferenzjali fil-bażi taxxabbli fl-Irlanda<sup>3</sup>.

Permezz tas-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja, li ġiet adita b'appell ippreżentat mill-Kummissjoni, **tannulla s-sentenza tal-Qorti Ĝeneralni u taqta' t-tilwima b'mod definitiv**.

Fil-fehma tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti Ĝeneralni żbaljat meta hija ddeċidiet li l-Kummissjoni ma kinitx approvat b'mod suffiċjenti li l-liċenzi ta' proprijetà intellettuali li għandhom ASI u AOE u l-profitti relatati magħhom, ċiġġenerati mill-bejgħ tal-prodotti Apple barra mill-Istati Uniti, kellhom jiġu attribwiti, għall-finijiet fiskali, lill-fergħ Irlandiżi. B'mod partikolari, il-Qorti Ĝeneralni żbaljat meta, minn naħħa, iddeċidiet li r-raġunament prinċipali tal-Kummissjoni kien ibbaż fuq evalwazzjonijiet żbaljati dwar it-tassazzjoni normali fis-sens tad-dritt fiskali Irlandiż applikabbli f'dan

il-każ u meta, min-naħħa l-oħra, laqgħet l-ilmenti mressqa mill-Irlanda, kif ukoll minn ASI u AOE, kontra l-evalwazzjonijiet fattwali tal-Kummissjoni dwar l-attivitajiet tal-fergħat Irlandiż ta' ASI u ta' AOE u dwar l-attivitajiet barra minn dawn il-fergħat.

Wara li tannulla s-sentenza appellata, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li r-rikorsi huma fi stat li jiġu deċiżi u li għandha tingħata deċiżjoni definittiva dwarhom fil-limiti tat-tilwima li hija adita biha. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonferma, b'mod partikolari, l-aproċċ tal-Kummissjoni li, skont id-dispożizzjoni rilevanti tad-dritt Irlandiż dwar il-mod li bih tiġi kkalkolata t-tassazzjoni tal-kumpanniji mhux residenti, l-attivitajiet tal-fergħat ta' ASI u ta' AOE fl-Irlanda ma kellhomx jiġu pparagunati mal-attivitajiet ta' kumpanniji oħra tal-grupp Apple, pereżempju kumpannija omm fl-Istati Uniti, iżda kellhom jiġu pparagunati ma' dawk ta' entitajiet ta' dawn il-kumpanniji, b'mod speċjali s-sedi tagħiġhom li jinsabu barra mill-Irlanda.

**NOTA:** Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tieħu konjizzjoni ta' appell, limitat għal punti ta' liġi, minn sentenza jew minn digriet tal-Qorti Ġenerali. Bħala prinċipju, l-appell ma għandux effett suspensiv. Jekk ikun ammissibbli u fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali. Fil-każ fejn il-kawża hija fi stat li tiġi deċiżi, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' hija stess taqta' I kawża b'mod definitiv. Fil-każ kuntrarju, hija għandha tibgħat lura I-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali, li tkun marbuta bid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-appell.

Dokument mhux uffiċċiali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-test sħiħ, u, jekk ikun il-każ, is-sunt tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-ġħoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



<sup>1</sup> [Deċiżjoni tal-Kummissjoni \(UE\) 2017/1283](#) tat-30 ta' Awwissu 2016 dwar għajnuna mill-Istat SA.38373 (2014/C) (ex 2014/NN) implementata [mogħtija] mill-Irlanda lil Apple.

<sup>2</sup> Stqarrija tal-istampa [IP/16/2923](#) tal-Kummissjoni tat-30 ta' Awwissu 2016.

<sup>3</sup> Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Lulju 2020, L-Irlanda vs Il-Kummissjoni, [T-778/16 u T-892/16](#) (ara wkoll [CP Nru 90/20](#)).